A.L. 96 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

(ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Provvisti ta' Oġġetti u Servizzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7, bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 u bil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Provvisti ta' Oġġetti u Servizzi).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 1994.

Tifsir.

2. Kull espressjoni wżata f'dawn ir-regolamenti għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, it-tifsira mogħti lilha fl-Att.

Provvisti minn aġenti indipendenti.

3. Meta jsiru provvisti ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' aġent li jaġixxi f'ismu stess dik il-provvista għandha titqies kemm bħala provvista lil dak l-aġent u provvista minn dak l-aġent.

Provvisti minn intermedjarji.

4. Meta provvista ssir permezz ta' intermedjarju li jaġixxi f'isem u għal persuna oħra u sal-limitu li l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-provvista ssir kif imsemmi qabel, dik il-provvista għandha titqies bħala provvista magħmula minn dik il-persuna l-oħra.

Permuta.

5. F'kuntratt ta' permuta kull parti għandha titqies li tagħmel provvista ta' kull oġġett u servizz li tagħti wara u skond dak il-kuntratt.

Kunsinna fi żmien imtawwal.

6. Il-kunsinna tal-pussess ta' oġġetti wara u skond ftehim għall-bejgħ ta' dawk l-oġġetti fi żmien imtawwal għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Hire purchase.

7. Il-kunsinna tal-pussess ta' oġġetti wara u skond ftehim għall-kiri ta' dawk l-oġġetti għal ċertu żmien bi ħsieb espress li l-proprjetà ta' dawk l-oġġetti tgħaddi għal għand l-ieħor f'waqt li ma jkunx iktar tard mid-data meta jkun tħallas il-prezz miftiehem kollu għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Provvista ta' elettriku, eċċ.

8. Il-provvista ta' kurrent elettriku, gass, sħana u refriġerazzjoni għandhom jitqiesu bħala provvista ta' oġġetti.

Kuntratt ta' Xogħlijiet.

9. Il-kunsinna ta' oġġetti wara u skond kuntratt ta' xogħlijiet, sew jekk il-materjal ikun ġie provdut kollu kemm hu jew f'parti minnu mill-kompratur sew jekk le, għandha titqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Azzjoni ġudizzjarja.

10. (1) Meta jinbiegħu oġġetti li jagħmlu parti mill-attiv kummerċjali ta' negozju ġestit minn xi persuna permezz ta' bejgħ fl-irkant fil-Qorti wara u skond kull proċediment mibdi minn kreditur jew krediturі ta' dik il-persuna, dak l-attiv għandu jitqies bħala li ġie provdut mid-debitur fil-kors jew avvanz ta' dak in-negozju.

(2) Ir-Reġistratur tal-qorti li taħt l-awtorità tagħha jaqa' bejgħ li għalih japplika l-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jħallas, wara li jinnotifika b'dan lill-persuna jew persuni li jidhru li jkollhom interess fil-kwistjoni, lill-Kummissarju mir-rikavat li jiġi depożitat fil-qorti, bi preferenza fuq kull persuna oħra li ma jkollhiex preċedenza fuq it-talba tal-Kummissarju kif hemm provdut fl-artikolu 51 ta' l-Att, it-taxxa li jkollha titħallas, jekk ikun hemm, fuq il-provvista li titqies li tkun saret skond l-imsemmi paragrafu.

(3) Jista' jagħmel oppożizzjoni li jsir il-ħlas imsemmi fir-regolament (2) ta' dan ir-regolament kull min ikollu interess fil-kwistjoni u dan bil-mezz ta' ċitazzjoni li ssir kontra l-Kummissarju fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika msemmija f'dak il-paragrafu.

(4) Ma għandha tiġi approvata ebda offerta *animo compensandi* għall-għanijiet ta' l-artikolu 331 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba t-taxxa li jkollha titħallas, jekk ikun hemm, fuq il-provvista li titqies li tkun saret skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma tkunx ġiet depożitata fil-qorti u mħallsa mir-Reġistratur skond il-paragrafu (2).

Esproprjazzjoni.

11. It-trasferiment b'ordni li jsir minn jew f'isem awtorità pubblika jew wara u skond xi liġi, tal-proprjetà ta' oġġetti bi ħlas bħala kumpens għandu jitqies bħala provvista ta' dawk l-oġġetti.

Min jagħmel provvista lilu nnifsu jew b'xejn.

12. (1) Bla ħsara tar-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti, it-trasferiment jew tneħħija ta' attiv li jagħmel parti mill-attiv ta' attività ekonomika bi jew bis-saħħa tad-direttivi tal-persuna li tkun qegħda twettaq dik l-attività, sew jekk jitħallas jew ikollu jitħallas xi kumpens, u inkluż it-trasferiment jew tneħħija ta' dak l-attiv minn dik il-persuna lilha nnifisha, għandhom jitqiesu bħala provvista ta' dak l-attiv li jsir b'kumpens fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività.

(2) Il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma japplikax għal —

(a) rigal ta' oġġetti magħmul fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività, minbarra meta dak ikun jagħmel sehem minn għadd ta' rigali li jsiru lill-istess persuna, meta n-nefqa li d-donatur jagħmel ma tkunx ta' iktar minn għoxrin lira;

(b) rigal li jkun kampjun industrijali f'għamla li l-pubbliku ma jkunx jista' normalment isibha għall-bejgħ.

Użu privat.

13. Bla ħsara għar-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti, meta xi oġġetti li jagħmlu sehem mill-attiv ta' xi attività ekonomika mwettqa

minn persuna jintużaw minn dik il-persuna nnifisha jew minn xi persuna oħra għal xi għan li ma jkunx l-għan ta' dik l-attività ekonomika, sew jekk jitħallas jew ikollu jitħallas xi kumpens jew le, il-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività għandha titqies bħala li tkun għamlet provvista ta' servizzi b'kumpens fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività.

Sakemm japplikaw ir-regolamenti 12 u 13.

14. Meta ma jitħallasx jew ma jkollux jitħallas kumpens għal trasferiment, tneħħija jew użu ta' oġġetti msemmija fir-regolament 12 jew 13 ta' dawn ir-regolamenti, dak it-trasferiment, tneħħija jew użu ma għandhomx jitqiesu bħala provvista taxxabbli magħmula minn persuna kemm-il darba dik il-persuna ma kellhiex jedd għal kreditu skond l-artikolu 25 ta' l-Att dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud jew parti mit-taxxa mħallsa minnha ma' l-akkwist jew l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti jew ta' kull ħaġa li tista' tkun inkluża fihom.

Għeluq tan-negozju.

15. (1) Meta persuna ttemm twettaq attività ekonomika kull attiv li jkun jagħmel parti minn dik l-attività għandu jitqies li jkun ġie provvist b'kumpens lilha nnifisha qabel it-temma ta' dik l-attività u fil-kors jew avvanz ta' dik l-attività, u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 12, kif suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw skond hekk.

(2) Il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandux japplika meta dik l-attività tiġi trasferita bħala negozju vijabbli u dak it-trasferiment jitqies, skond ir-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti, la bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi.

Trasferiment ta' negozju vijabbli.

16. It-trasferiment li persuna taxxabbli tagħmel ta' l-attiv ta' l-attività ekonomika tagħha ma għandha titqies la bħala provvista ta' oġġetti u lanqas bħala provvista ta' servizzi jekk —

(a) l-attiv jiġi provdut lil persuna reġistrata li lilha tagħmel it-trasferiment ta' l-attività ekonomika tagħha, jew parti minn dik l-attività li tkun tista' titħaddem separatament, bħala negozju vijabbli, u

(b) kull attiv bħal dak għandu jintuża minn min isirlu t-trasferiment fit-twettieq ta' l-istess xorta ta' attività, sew bħala parti minn attività ekonomika li teżisti sew jekk le, bħal dik li titwettaq minn min jagħmel it-trasferiment, u

(ċ) dak it-trasferiment jiġi reġistrat fid-dokumentazzjoni ta' min jagħmel it-trasferiment billi jindika n-numru ta' reġistrazzjoni ta' min ikun sarlu t-trasferiment.

Provvista ta' oġġetti meta t-taxxa mħallsa ma' l-akkwist ma tqisietx bħala *input tax*.

17. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, meta oġġetti jiġu provduti lil jew importati minn persuna taxxabbli u t-taxxa fuq dik il-provvista jew importazzjoni ma titqiesx, wara u skond id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti magħmulin għall-għanijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att, bħala *input tax* ta' dik il-persuna, il-provvista minn dik il-persuna ta' dawk l-oġġetti ma għandha titqies la bħala provvista ta' oġġetti lanqas bħala provvista ta' servizzi.

(2) Dan ir-regolament għandu japplika biss għal oġġetti li jiġu provduti minn persuna taxxabbli fl-istess stat li kienu fih, ħlief biss bl-użu u bil-kidd, meta ġew ipprovduti lil jew importati minn dik il-persuna.

Proprjetà intanġibbli.

18. (1) It-trasferiment ta' *utile dominium* perpetwu jew ta' *utile dominium* temporanju meta ż-żmien li jifdal għat-temma ta' l-enfitewsi fil-waqt tat-trasferiment ikun iżjed minn ħamsin sena, u l-konċessjoni ta' enfitewsi perpetwa jew ta' enfitewsi għal żmien ta' iżjed minn ħamsin sena huwa provvista ta' oġġetti.

(2) It-trasferiment ta' *directum dominium* temporanju meta ż-żmien li jifdal għat-temma ta' l-enfitewsi ma jkunx ta' iżjed minn ħamsin sena huwa provvista ta' oġġetti.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, l-assenjament ta' kull jedd fuq proprjetà jew l-assenjament ta' kull proprjetà sew jekk tkun is-suġġett ta' dokument li jistabbilixxi t-titolu sew jekk le huwa provvista ta' servizzi.

Obbligazzjoni li jieqaf att jew li jiġi tollerat att.

19. Obbligazzjoni li jieqaf att jew li jiġi tollerat att jew sitwazzjoni huma provvista ta' oġġetti.

Provvisti inċidentali.

20. (1) Il-provvista minn persuna ta' servizzi għall-għan u fil-kors ta' provvista minn dik il-persuna ta' ikel servut fi stabbiliment ta' l-ikel jew f'xi fond ieħor li jservi ikel preparat, inklużi servizzi li għalihom jitħallas jew għandu jitħallas *service charge* jew *cover charge,* għandu jitqies bħala parti mill-provvista ta' ikel.

(2) Il-provvista minn persuna ta' oġġetti għall-għan u fil-kors ta' servizzi ta' manutenzjoni jew tiswija provvisti minn dik il-persuna għandhom jitqiesu bħala parti mill-provvista ta' dawk is-servizzi.

(3) Salv kif hemm provdut mod ieħor fl-Att jew f'xi regolamenti, inklużi dawn ir-regolamenti, magħmula bis-saħħa ta' l-Att, meta provvista tkun tinkludi l-provvista sew ta' oġġetti sew ta' servizzi u l-kumpens għal dik il-provvista ma jkunx jiddistingwi bejn il-kumpens għall-oġġetti u l-kumpens għas-servizzi, il-provvista għandha titqies bħala provvista ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi skond ix-xorta prinċipali ta' dik il-provvista.